MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 215/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Xerri**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Xerri talli:

(1) Fil-15 ta’ Jannar 2003 ghall-habta tad-21.00 bhala persuna li nizel l-art jew imbarka f’Malta naqas li jkollu passaport u jaghti lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg;

(2) Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, fl-istess data u cirkostanzi, bhala kaptan u/jew il-persuna inkarigata mill-powerboat “Kristina”, hareg minn dawn il-Gzejjer bil-powerboat fuq imsemmija minghajr ma avza lill-awtoritajiet koncernati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija tordna l-konfiska tal-powerboat “Kristina” li serviet jew li kien mahsub li sservi sabiex isir dan id-delitt;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Xerri hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u ghall-hlas ta’ multa ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) u ordnat il-konfiska tal-powerboat “Kristina”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Emanuel Xerri pprezentat fit-12 ta’ Gunju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata fejn sabitu hati taz-zewg imputazzjonijiet lilu addebitati u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni u interpretazzjoni u ghalhekk applikazzjoni skorretta ta’ l-artikolu 28 tal-Kap. 217 ghax bil-fatt li persuna tohrog ‘il barra mill-ibhra territorjali ma jfissirx li hemm ksur ta’ din id-disposizzjoni.

L-artikolu 28 tal-Kap. 217 jipprovdi hekk:

**“Kull persuna li tinzel l-art jew timbarka f’Malta ghandu jkollha passaport u ghandha taghti lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta**

**u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u jehtieg."**

L-appellant ghalhekk m'ghandux ragun. Dak rikjest minn dan l-artikolu japplika kemm ghal min jasal Malta minn barra kif ukoll ghal min ikun ser jitlaq minn Malta.

(2) Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ghamlet ukoll enuncjazzjoni u interpretazzjoni skorretta ta' l-artikolu 52 tal-Kap. 37 li jirrigwarda bastimenti li jkunu ha jizbarkaw toghbija u jippostula r-rekwiziti ta' kif dan ghandu jsir, u b'hekk il-hrug ta' powerboat mill-ibhra territorjali Maltin m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dak stipulat fl-imsemmi artikolu.

Hawn ukoll l-appellant m'ghandux ragun peress illi l-artikolu 52, abbinat ma' l-artikolu 57 tal-Kap. 37, jirrigwarda l-karti ta' spedizzjoni li jinghataw lill-kaptan jew xi hadd iehor awtorizzat minnu bil-miktub mill-ufficjal inkarigat mid-dwana u li quddiemu l-kaptan jew persuna ohra awtorizzata trid tidher.

(3) Skond it-tielet aggravju ta' l-appellant, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-Kap. 226 – il-mapep esebiti u s-senjalazzjoni tar-radar ma jwasslux ghal prova li d-dghajsa li fuqha kien l-appellant harget mill-ibhra territorjali Maltin u, fi kwalunkwe kaz, jekk hemm ksur ta' l-imsemmi Att, ir-reat li dwaru ssir il-prosekuzzjoni jehtieg li jemani minn dak l-Att.

Jinghad l-ewwelnett illi l-Kap. 226, u cioe` l-Att dwar l-Ibhra Territorjali u z-Zona Kontigwa, filwaqt li jaghti lill-Prim Ministru l-poter li jaghmel regolamenti u dwar diversi hwejjeg elenkati fl-artikolu 7(1) ta' l-imsemmi Att u dwar il-pieni applikabbli, ma jistabbilixxi l-ebda reat izda jipprovdi dwar l-estensjoni ta' l-ibhra territorjali ta' Malta u dwar zona kontigwa, kif ukoll jipprovdi dwar l-azzjonijiet li jistghu jittiehdu minn kull ufficjal marittimu ghall-infurzar dwar bastimenti li jkunu kemm fl-ibhra ta' Malta kif ukoll fiz-zona kontigwa u dwar id-dritt ta' insegwiment attiv. L-artikolu 3(1) ta' dak l-Att jipprovdi illi **"l-ibhra territorjali ta' Malta jkunu dawk il-partijiet kollha tal-bahar miftuh**

**sa tnax-il mil nawtiku 'l barra mill-kosta ta' Malta mkejla mill-aktar post boghod safejn il-bahar jisfa ghal kollox fuq il-metodu ta' linji bazi dritti migbudin bejn ponot xierqa."** Biex jigi determinat jekk bastiment, f'dan il-kaz *power boat*, ikunx hareg 'il barra minn dak it-territorju, irid jigi ezaminat l-assjem tal-provi, u ghalhekk minbarra d-dokumenti esibiti hemm ukoll ix-xiehda li taw l-ufficjali ta' l-Iskwadra Marittima tal-Forzi Armati.

(4) Bir-raba' aggravju l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni u interpretazzjoni skorretta tal-provi principalment ghas-segwenti ragunijiet: (i) ix-xiehda ta' P.C. 1509 John Darmanin u ta' Joseph D'Amato ma tistax titqies bhala l-ahjar prova stante l-konfuzjoni ta' ismijiet dwar il-powerboat in kwistjoni u n-nuqqas ta' carezza dwar il-funzjoni ta' l-msemmijin xhieda u dwar f'liema registru/records ghamlu r-ricerki taghhom; (ii) l-identifikazzjoni maghmula minn Etienne Scicluna u Michael Savona hi wahda suggestiva (*sic!*) u inattendibbli peress illi mill-*prime note* tal-Maggur Cauchi Inglott ma nizzilx xi identifikazzjoni konklussiva tal-powerboat filwaqt illi fir-rapport miktub l-ghada jirreferi ghal *"a two coloured dark powerboat with two outboard engines"*, imbaghad fix-xiehda moghtija u wara li ntwerew ritratt tal-powerboat – li kienet inzammet fil-kustodja ta' l-armata stess – kienet sewda bil-kaxxi *checked* fuq wara; (iii) l-ewwel Qorti skartat il-verzjoni ta' l-appellant li d-dghajsa kellha l-hsara u naqset li tirrejalizza li meta l-Maggur Cauchi Inglott ta struzzjonijiet biex tigi misjuqa lejn il-Maritime Squadron kellha tigi rmunkata ghax kellha skrun nieqes – u dan wara operazzjoni ta' *hot pursuit*; (iv) ma saret l-ebda prova li din id-dghajsa kellha apparat li seta' jwassalha sa Sqallija, anzi jirrizulta l-kuntrarju.

Huwa utili li ssir referenza ghal dak li qalu x-xhieda principali tal-prosekuzzjoni peress illi mix-xiehda taghhom johorgu l-punti saljenti ta' dak li sehh fil-15 ta' Jannar 2003.

**Il-Maggur Cauchi Inglott** xehed illi fil-15 ta' Jannar 2003 hu kien fuq il-patrol boat E-51 u flimkien ma' *power boat* ta' l-AFM bdew jinvestigaw bcejjec tal-bahar fl-areja tal-

Mellieha ghall-habta tas-7.00 p.m. Ghall-habta tat-8.30 p.m. innota *contact* fuq ir-radar tieghu tipprocedi fid-direzzjoni ta’ Sqallija b’velocita` ta’ ‘l fuq minn erbghin knot. Idderiga l-*power boat* lejn il-*contact* ghall-iskop ta’ intercezzjoni. Fid-9.05 p.m. kien hemm kuntatt viziv u l-*power boat* taghhom beda jiccejsja l-*power boat* l-iehor lejn Sqallija u x’hin kienu xi erbghin metru minnu tefghu s-*searchlight* fuqu u xeghlu s-sirena. Ix-xhud qal li huwa kien qieghed isegwi fuq ir-radar. Dan il-*power boat* ma waqafx u beda jaghmel *criss cross manoeuvres* biex il-*power boat* tal-AFM bl-iskossi tal-mewg tieqaf. Fid-9.10 p.m. tilef il-kuntatt ir-radar izda baqa’ l-kuntatt bir-radju. Il-*power boat* ta’ l-AFM baqghet ticcejsja l-*power boat* l-ohra sa *33 nautical miles off Gozo* u waqfet peress illi bid-dawl ta’ Sqallija d-driver ma setax jibqa’ jara l-*power boat* l-ohra. Huwa nforma lill-Operation Centre Maltija biex jinfurmaw lil dik Taljana u jintalab permess biex il-*power boat* tkompli ticcejsja dik suspettata fl-ibhra Taljani u sabiex it-Taljani jibdew jaghmlu tfittxija min-naha taghhom. Sadattant huwa u l-*power boat* ta’ l-AFM iltaqghu biex jistennew il-*power boat* l-ohra gejja lura. Fil-fatt it-Taljani baghtu patrol boat u fil-10.50 p.m. ircieva messagg illi t-Taljani kienu qeghdin jiccejsjaw *power boat* lura minn Sqallija ghal Malta. Ftit zmien wara ra zewg *contacts* li nduna kienu l-*patrol boat* Taljana u s-*suspect power boat* u t-tnejn kienu diretti lejn il-Ponta tal-Qala, f’Ghawdex. Il-*power boat* kellha aktar velocita` mill-*patrol boat* li eventwalment waqaf. Huwa mbaghad segwa s-*suspect power boat* u l-*power boat* ta’ l-AFM fuq ir-radar jinzlu fejn il-Mellieha u jergghu jitilghu ‘l fuq l-Armier fejn saret l-intercezzjoni ta’ zewg *power boats*, wahda griza u ohra sewda b’kwadri homor. Huwa nizel l-Armier ikellem il-persuni li kienu fuq il-*power boats* u kkonferma li l-appellant u l-ko-imputat l-iehor Emanuel Xerri kienu fuq is-*suspect power boat*.

**Etienne Scicluna**, fizzjal fil-Forzi Armati ta’ Malta, xehed li kien fuq *power boat* ta’ l-Afm u ghall-habta tad-9.05 p.m. raw *speedboat* hierga ‘l barra bla dawl u ppruvaw iwaqqfuha. Xeghlulha d-dawl izda flok waqfet ziedet il-velocita` u ppruvat tahrab u tipprova tibdel il-korsa (tizzigzegja). X’hin regghu gew vicin taghha xeghlulha s-

sirena izda baqghet sejra ‘l barra b’velocita`. Kien hemm hinijiet fejn gew erbghin metru vicini ta’ xulxin. Kienu sejrin fid-direzzjoni tal-kosta ta’ Sqallija u x’hin kienu qisu tmineja u ghoxrin mil nawtiku ‘l barra minn Ghawdex tilfuha. Id-dghajsa l-ohra kienet quddiemhom izjed vicin Sqallija. Dik id-dghajsa kienet sewda b’kaxex homor, dik li tidher fir-ritratti Dok. NX3 u NX4. Wara li tilfuh baqghu xi mumenti fiz-zona u gew ordnati jidhlu lura fejn il-*patrol boat* P-51. Iltaqghu mal-*patrol boat* u wara xi hin raw xi *traces* nizlin minn Sqallija ghal Malta. Dak il-hin ma kienu qeghdin jaraw xejn mill-*power boat* pero` wara ftit raw zewg *power boats* ghaddejjin wara xulxin. Bdew isegwuhom lejn il-Qala, f’Ghawdex u minn hemm gibdu lejn Kemmuna.

**Darren Chetcuti**, suldat fil-Forzi Armati, bazikament jikkorrobora dak li qal Etienne Scicluna.

Minn dawn il-provi din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-*power boat* li giet insegwita mill-Iskwadra Marittima hija l-istess wahda li giet intercettata fl-Armier. Huwa minnu li fl-akkuza l-*power boat* giet indikata bl-isem “Kristina” u hekk ukoll saret referenza ghaliha fil-*letter to prosecute* tad-*Director General Designate* tad-dwana. Izda anke l-appellant stess, fl-istqarrija tieghu, mistoqsi dwar id-dghajsa qal li jisimha “Kristina”. Izda mir-ritratt Dok. NX4 jirrizulta li l-isem huwa “Kristiana” u hija din il-*power boat* li giet identifikata minn diversi xhieda – l-ufficjali ta’ l-Iskwadra Marittima u Jesmond Vella. Inoltre, P.C. 1509 John Darmanin, li jahdem is-Seaport, u Joseph D’Amato, fizzjal id-Dwana, xehdu li ghamlu ricerka dwar jekk gietx ikklerjata dghajsa bl-isem “Kristiana” (traskritta fix-xiehda taghhom bhala “Cristiana”). Fir-rapport tieghu l-Maggur Cauchi Inglott jiddeskrivi l-isem bhala “Kristiana”. Michael Savona, mill-Malta Maritime Authority, ghamel ricerka dwar dghajsa bl-isem “Kristiana” (traskritta wkoll bhala “Cristiana”) u sab li hi registrata f’isem Emanuel Xerri.

Dwar il-fatt li l-*power boat* kellha tigi rmunkata ghax kellha skrun nieqes, jinghad illi dan ma jbiddel xejn mill-identifikazzjoni pozittiva li saret kif inghad. Ta’ min jghid li l-appellant fl-istqarrija tieghu jikkontradici lilu nnifsu meta l-

ewwel jghid li hareg biex jipprova magna “ghax wahda minnhom bi hsara” imbaghad li “b’magna wahda ma timxix biha”. Imbaghad hemm differenza bejn hsara fil-magna u skrun nieqes. Skrun jista’ jinqala’ ghal diversi ragunijiet u m’hemmx prova meta nqala’. Mill-provi mismugha ma jirrizulta li kien hemm xejn biex jimpedixxi lil din il-*power boat* taghmel il-vjagg taghha lejn Sqallija u lura. Inoltre m’hemm bzonn ta’ ebda apparat partikolari biex dghajsa tasal Sqallija – magna jew magni b’sahhithom huma sufficjenti.

Konsegwentement l-aggravji ta’ l-appellant huma michuda.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b’dan li l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta’ prigunerija jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellat ukoll bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------